MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Numru. 669/2010

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Louis Gravina, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fl-20 ta’ Ġunju, 1988, Karta ta’ l-Identita numru 288588(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-1 ta’ Lulju, 2010 għal ħabta ta’ ħames minuti wara nofs il-lejl (0005 hours) ġewwa Floriana:
1. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC1382 M. Galea u PC1342 R. Buttigieg, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita’ kompetenti u kkaġunalhom ġrieħi

ta' natura ħafifa kif iċċertifikat minn Dr. A. Cordina M.D. (Reg. no. 2641);

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq PC1382 M. Galea u PC1342 R. Buttigieg, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. talli kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. talli ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wieħed li nkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehomx jew fixkel waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħallihomx jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati jew setgħu jagħmlu, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor għamel skont il-liġi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Lulju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, fil-waqt li skuża ruħu ta' dak li kien ġara.

Illi l-Qorti ġiet infurmata li dan kien inċident ta' entita' żgħira.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. rat l-artikoli 95, 96, 221(1) u 338(ċċ)(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta ta' l-imputat u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------